MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru. 1005/2011

Il-Pulizija
(Sp Spiridiione Zammit)
vs
Peter Farrugia, ibe Paul, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Novembru, 1986, Karta ta’ l-Identita numru 508686(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli qabel id-29 ta’ Ġunju, 2011, f’dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni ħa pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew għamel użu minnhom għad-dannu ta’ Caroline McKay mill-Fgura.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 337Ċ(1)(f)(2)(3), 337D(b) u 337F tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------